MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2011

Mandat Numru. 794/2011/1

**PF Steel Ltd**
**vs**
**Tal-Herba Construction Ltd**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors tat-13 ta' Gunju 2011;

Rat ir-risposta tal-intimat li saret waqt is-seduta tal-23 ta Gunju 2011;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-23 ta' Gunju 2011;

Premess li l-ghan ta' talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista' tkun ta' hsara jew pregudizzju lil parti li titlob il-hrug tal-mandat. Bil-ligi jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg

biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrenti tant li bin-nuqqas ta’ hrug tieghu r-rikorrenti ser isofri pregudizzju; it-tieni haga hi li r-rikkorent ikun jidher li ghandu prima facie dawk il-jeddijiet. Dawn iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghal hrug ta’ mandat bhal dak; inoltre huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta’ mandat ta inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju isir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

It-talba tar-rikorrenti hi mmirata biex izzomm lis-socjeta’ intimata milli tiddisponi mill-propjetajiet elenkati f’dan ir-rikors peress li ghandha pretensjoni ta’ kreditu ta Euro 422,076.73 valur ta’ hadid u materjal iehor ta kostruzzjoni liema pretensjoni hi dedotta f’kawza quddiem Qorti diversament preseduta.

Is-socjeta’ intimata irrispondiet billi preliminarjament ssottmettiet illi parti mill-proprjeta li qed tintalab il-hrug tal-mandat ta’ inibizzjoni fuqha cioe Tower Business Centre fi Swatar Birkirkara hu proprjeta ta’ kumpanija ohra cioe Tal-Herba Developments Limited kif akkwistata b’kuntratt tat-28 ta Novembru 2008 Attin Nutar Malcolm Mangion.

Inoltre eccepiet illi fil-mertu ma hemmx ir-rekwiziti tal-ligi sabiex jinhareg il-mandat imsemmi, u in ogni kaz il-proprjeta l-ohra maqbuda cioe tnax il appartament fil-Blokk maghruf Tower A2 f’Rahal Gdid ghandhom valur ta’ oltre Euro 2,000,000, ferm aktar mill-pretensjoni tar-rikorrenti.

In kwantu ghall-eccezzjoni preliminari, din tirrizulta gustifikata mill-kuntratt esibit u ghalhekk jisthoqq tigi akkolta.

In kwantu ghal mertu jigi rilevat kif gia inghad illi akkoljiment ta’ mandati simili isiru meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha accertata u

stabbilita u ghalhekk id-dispozizzjonijiet tal-ligi iridu jircevu interpretazzjoni restrittiva. Mhux bizzejjed li ghal hrug ta' mandat ir-rikorrenti juri li ghandu prima facie dritt billi ghandu pretensjoni, pretensjoni li avvanza f'dan ir-rikors billi wera bla ma gie oppost li hemm kawza pendenti fuq il-pretensjoni minnu avvanzata pero irid jipprova illi l-mandat hu necessarju b'tali mod li n-nuqqas ta' hrug tieghu ser isarraf f'dannu irrimedjabbli ghar-rikorrenti. Din in-necessita li fi kliem il-Qorti tfisser li minghajr il-hrug tal-mandat il-jedd li jista' jkollu ir-rikorrenti jista' jitnehha darba ghal dejjem b'mod irrimedjabbli ma jirrizultax f'dan ir-rikors (ara Charles Mugliett vs Saviour Bonnici Inib. 2086/97JRM). Kull ma jirrizulta hu li ghandu pretensjoni pekunjarja.

Ghalhekk il-Qorti tqis li t-talba tar-rikorrenti ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni ma hux gustifikat, u filwaqt li tirrevoka contratio imperio id-digriet provvizorju taghha tat-13 ta Gunju 2011, tichad ir-rikors tar-rikorrenti bl-ispejjes kontra l-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------